**13 ta' Diċembru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D.**

John Cachia

*versus*

Domenico Magri

**Sentenza — Eżekuzzjoni.**

*Jekk wieħed jiġi kundannat f'kawża fejn ismu ma kienx indikat preċiżament kif hu jallega li għandu jkun, u dan ikun sar bil-konnivenza tiegħu stess, u wara s-sentenza, għalkemm kien jaf li s-sentenza kienet tirriferixxi għalieh, u kien jaf ukoll f'liema sens inqatgħet il-kawża, huwa ma jkun ħa ebda pass fir-rigward, dik is-sentenza tifforma ġudikat fil-konfront tiegħu; u huwa ma jistgħax, meta l-istess sentenza tiġi eżegwita kontra tiegħu, jallega li dik is-sentenza ma tirriferixxix għalieh u jiddiskonoxxi l-effetti tagħha fil-konfront tiegħu.*

*Lanqas ma tista' tiġi milqugħa l-allegazzjoni tiegħu fis-sens illi f'dik il-kawża huwa ma kienx ġie notifikat, jew kien ġie notifikat ħażin, bl-att taċ-ċitazzjoni, jekk huwa fil-fatt kien ippreżenta n-nota tiegħu tal-eċċezzjonijiet. Jekk kien hemm xi irregolarità f'dik il-proċedura, huwa kien imissu jaġixxi qabel ma saret l-eżekuzzjoni tas-sentenza kontra tiegħu biex jirrimedja għall-eventwali konsegwenzi derivanti mill-istess, jew almenu messu talab żmien biex jista' jagħmel dan; imma l-fatt biss li huwa jgħid li dik is-sentenza ma tirrigwardahx ma jiswiex biex isostni talba tiegħu biex tiġi revokata l-eżekuzzjoni tas-sentenza meħuda kontra tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li qal illi fil-5 ta' April 1962 il-konvenut ottjena minn din il-Qorti kontra l-attur l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevaz-

zjoni (dok. A) għas-somma komplessiva ta' £450. 13. 3d, li huwa allega li għandu jieħu in forza ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu 1960 mogħtija fl-ismijiet "Domenico Magri vs. Prof. Dr. Walter Ganado et."; *u li* l-attur ma għandux jagħti lill-konvenut ebda somma in forza tas-sentenza fuq imsemmija, imma għandu jagħti lill-attur l-ammont *ta' £300 li* bejn il-kontendenti ġa ġie miftiehem li l-attur għandu *jħallas lill-konvenut in riparazzjoni* tad-danni kaġunati lill-awtomobbli tiegħu, liema ammont ta' £300 ġie bejn il-kontendenti miftiehem li għandu jiġi mħallas lill-konvenut b'rati mensili ta' £2; u li l-konvenut, għalhekk, ma għandux titolu eżekuttiv; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi minn din il-Qorti revokata *l-eżekuzzjoni* tal-fuq imsemmi mandat ta' elevazzjoni spedit kontra l-attur fil-5 ta' April 1962. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-domanda posta lill-Qorti hija waħda u sempliċi, u ċjoè jekk il-konvenut għandux favur tiegħu kontra l-attur bħala titolu eżekuttiv, kif huma s-sentenzi skond il-Liġi tal-Proċedura Ċivili (art. 251(a) ), is-sentenza fl-ismijiet "Domenico Magri vs. Professur Dottor Walter Ganado et.", maqtugħa fit-30 ta' Marzu 1960 *minn* din il-Qorti, li in *eżekuzzjoni* tagħha l-konvenut ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid kontra l-attur fil-5 ta' April 1962, skond *ma* jirriżulta mill-kopja relattiva annessa bħala dokument maċ-ċitazzjoni odjerna (fol. 5);

Illi *ma* hemmx dubju fuq l-eżistenza ta' din is-sentenza bħala fatt, u kwindi hu l-każ li wieħed jara jekk hija tirriferix għall-kontendenti fil-kawża preżenti, billi l-attur fiċ-ċitazzjoni jsemmi "illi l-attur ma għandux jagħti lill-konvenut ebda somma in forza tas-sentenza fuq *imsemmija*". Jiġi però preċiżat li ebda vera raġuni ma ġiet indikata mill-attur għaliex dan għandu jkun hekk, la fiċ-ċitazzjoni, la fid-dikjarazzjoni, u lanqas fix-xhieda tal-attur; jista' però wieħed *jifhem. minn dak li ġie sottomess* waqt il-kawża, li dan qiegħed isir għaliex l-attur jippretendi li

dik il-kawża ma kienetx tirrigwardah għaliex hu jismu biss "John", u mhux magħruf bħala "Emmanuele"; u oltre dan, ma kienx notifikat biċ-ċitazzjoni f'dik l-istess kawża. Hu għalhekk li l-attur jgħid li hu aċċetta li għandu jħallas lill-konvenut is-somma ta' £300 għad-danni li kkaġunalu fl-awtomobbli tiegħu minħabba ftehim interċedut bejniethom indipendentement minn dik il-kawża, li l-konvenut allura kien talab l-eżekuzzjoni tagħha kontra Emmanuele Cachia, hu l-attur tal-lum;

Illi, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti ġa msemmija tat-8 ta' Marzu 1962, fl-ismijiet "Emmanuele Cachia vs. Domenico Magri", il-konvenut tal-lum, ukoll il-konvenut f'dik il-kawża, ma setgħax jeżegwixxi s-sentenza tat-30 ta' Marzu 1960 (li kienet fil-konfront ta' John Cachia magħruf bħala Emmanuele) kontra l-attur f'dik il-kawża Emmanuele Cachia, billi l-veru debitur tiegħu kien John. Dan hu l-attur tal-lum kontra min il-konvenut issa eżegwixxi s-sentenza tat-30 ta' Marzu 1960 konformement għad-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 1962. Ċertament din l-aħħar deċiżjoni ma tiffurmax stat fil-konfront tal-attur odjern li ma kienx parti fiha; però hu xehed f'dik il-kawża, li kkonferma għall-finijiet tal-kawża preżenti u fl-atti ta' din il-kawża (ara fol. 16), u minn din ix-xhieda biss wieħed għandu raġjonevolment jikkonkludi li s-sentenza li kkundannat lil "John magħruf bħala Emmanuele", għall-ħlas tad-danni kaġunati lill-konvenut tal-lum (l-attur f'dik il-kawża) fl-awtomobbli tiegħu kienet tirriferixxi għall-attur tal-lum. Del resto hu stess ħass bħala bniedem li kkaġuna l-ħsara, li jeħles lill-ħuh Emmanuele mill-effetti tal-eżekuzzjoni li kienet saret kontra dan tal-istess sentenza, u flimkien ma' dan ħuh mar għand il-konvenut tal-lum; u b'hekk kien qiegħed jikkonoxxi lil dan bħala kreditur tiegħu in forza tal-istess sentenza;

Illi s-sottomissjoni tal-attur li dan ir-rikonoxximent sar bħala ħaġa mill-ġdid, indipendenti mis-sentenza ġa mogħtija favur il-konvenut tal-lum mhix aċċettabbli; infatti ftehim bħal dan jinvolvi rinunzja da parti tal-konvenut għas-sentenza li (almenu kif kien jifhem hu) kellu favur tiegħu, u ebda prova ma nġiebet f'dan is-sens; anzi hemm il-fatt tal-eżekuzzjoni ta' din l-istess sentenza da

parti tiegħu, li hi kuntrarja għal ftehim simili. Anzi verament, skond it-teżi attriċi tal-lum, lanqas ma seta' jkun hemm rinunzja; u lanqas kif il-konvenut jeċċepixxi, ma seta' kien hemm novazzjoni, billi l-attur qiegħed isostni li ebda dritt ma kien joħroġ favur il-konvenut tal-lum kontra l-attur mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 1960, li seta' jiġi rinunzjat jew estint b'effett ta' novazzjoni. Tibqa' għalhekk l-unika u vera kwistjoni jekk din is-sentenza (tat-30 ta' Marzu 1960) tiffurmax stat bejn il-kontendenti tal-lum;

Illi ġa saret riferenza għall-atteġġjament tal-attur, u ntqal li hu ġie rrikonoxxa li s-sentenza in kwistjoni kienet tirriferixxi għalieh; però anki l-fatti jwasslu għal din il-konklużjoni. F'dik il-kawża kienet ntalbet il-kjamata ta' Emmanuele Cachia, però mbagħad dan l-isem tbiddel f'John magħruf bħala Emmanuele. Dan jidher li sar għaliex il-veru konvenut kien jismu John, iżda l-isem ta' Emmanuele baqa' jidher ukoll, għaliex il-kawża kriminali nferjuri konsegwenti għall-kolliżjoni, li fiha l-konvenut tal-lum sofra danni fil-car tiegħu, saret b'dan l-isem ta' Emmanuele, u l-attur tal-lum deher meta ssejjaħ dan l-isem. Hu daqsxejn kontradittorju, għalhekk, li l-attur tal-lum, meta qabel irrisponda għall-isem ta' Emmanuele meta jismu John u qatt ma kien magħruf bħala Emmanuele, li jsib oġġezzjoni li ġie msejjaħ fil-kawża bħala "John magħruf bħala Emmanuele" propriju in konnessjoni mal-istess inċident, meta l-aġir tiegħu stess kien il-kawża ta' dan. Ħadd iżjed minnu ma kien jaf b'dan, u kwindi ħadd iżjed minnu ma seta' jaf li hu kien il-kjamat f'dik il-kawża fejn il-konvenut tal-lum kien qiegħed jitlob ir-riżarċiment tad-danni li sofra. L-istess attur sar jaf li dik il-kawża, li kienet tirriferixxi għalieh, kienet ġiet deċiża, u kien jaf ukoll f'liema sens kienet ġiet deċiża, u ntant ma ħa ebda pass fir-rigward kif seta' jagħmel kieku ried fiż-żmien utili biex l-istess tiġi ritrattata. Din, għalhekk, tifforma ġudikat kontra tiegħu, u hija eżegwibbli kontra tiegħu bħala tali;

Jiġi preċiżat, però, dwar is-sottomissjoni li hu ma kienx ġie notifikat biċ-ċitazzjoni, li fil-fatt, a fol. 20 ta' dak il-proċess, hemm preżentata nota tal-eċċezzjonijiet f'isem "John magħruf bħala Emmanuele Cachia", u kwindi hu

jiġi deher fil-kawża avvolja seta' ma kienx ġie notifikat biċ-ċitazzjoni, jew ma kienx notifikat tajjeb, u kwindi ma japplikax għalieh l-art. 814(b) tal-Proċedura Ċivili. Dan il-fatt ikompli juri l-infondatezza tat-teżi odjerna tiegħu, bażata kif inhi fuq kif verament hu jismu, billi f'dik il-proċedura huwa kompla fid-disgwid li kien ipprovoka huwa stess kif intqal, u hekk l-akkoljiment tas-sottomissjoni odjerna tiegħu tkun ħaġa nġusta, għaliex tkun qegħedha tħallieh jirrikava vantaġġ minn ħaġa li hu stess ikkommetta; hu stess sejjaħ lilu nnifsu bil-mod li sejjaħlu l-konvenut tal-lum fil-kawża li dan kien għamillu, u kwindi mhux leċitu għalieh il-lum li jiddiskonoxxi l-effett tas-sentenza li ttieħdet kontra tiegħu fuq dawk l-atti minnu qabel konfermati. Jekk kien hemm xi irregolarità f'dik il-proċedura, l-attur imissu aġixxa qabel il-lum biex jirrimedja għall-eventwali konsegwenzi derivanti mill-istess. Hu lanqas ma talab xi żmien biex jista' jagħmel dan, iżda semma biss li dik is-sentenza ma tirrigwardahx. Hija din is-sottomissjoni li l-Qorti ssib insostenibbli, u ma tistgħax kwindi takkolji;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż kontra l-attur.

---

**TMIEM TAT-TIENI PARTI**

**TAL-VOLUM XLVI**

---